MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2013

Numru. 822/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Christopher Galea**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ **Christopher Galea,** ta’ erbghin (40) sena, bin John u Emanuela neé Zammit, imwieled Pieta’, nhar il-15 ta’ Marzu, 1972, residenti fil-fond numru Park Lane, Flat 1, Trejqet is-Silla, Blokk B, Mosta, detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 152272(M), akkuzat talli nhar it-23 ta’ April, 2012, ghal habta ta’ nofsinhar (12:00), gewwa Triq il-Fortizza tal-Mosta, Naxxar:

(a) volontarjament ghamel hsara li jammonta ghal tlett mija u ghaxar ewro (€ 310.00) u dan ghad-detriment ta' Byron Zarb (ID Nru. 389984M);
(b) fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-buon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;
(c) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni KBN 067 b'manjiera traskurata, u perikoluza;
(d) irrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lil Byron Zarb jiddikjara li hemm pendenti kontra tieghu proceduri kriminali u b'hekk kien qed jaghzel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri sabiex ma jinkriminax ruhu.

Rat illi l-imputat ghazel li ma jixhidx u li ma ressaq ebda provi.

**Ikkunsidat**

Illi, mill-provi prodotti, jirrizulta li ebda wahda mill-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ma giet sodisfacentement pruvata.

Ghaldaqstant, il-Qorti, fuq nuqqas ta' provi, tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------